

32006D0200

L 71/50

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

10.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Frar 2006

li temenda d-Deċiżjoni 97/296/KE li tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd hija awtorizzata għall-konsum tal-bniedem, fir-rigward ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 496)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/200/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kundizzjonijiet biex isiru, għalperjodu proviżorju, listi proviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini mill-animalli, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE tat-22 ta' April 1997 li tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd hija awtorizzata għall-konsum mill-bniedem ⁽²⁾ telenka l-pajjiżi u t-territorji li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd għall-konsum mill-bniedem hija awtorizzata. Il-Parti I ta' l-Anness għal dik id-Deċiżjoni telenka l-pajjiżi u t-territorji koperti b'Deċiżjoni speċifika skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa għal-produzzjoni u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti tal-ħut ⁽³⁾, u t-taqsimu II ta' dak l-Anness telenka l-pajjiżi u t-territorji li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 95/408/KE.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni K(2006)495 finali ⁽⁴⁾, tistipula kundizzjonijiet speċifiċi ta' importazzjoni għal prodotti tas-sajd mill-Istati Uniti ta' l-Amerika. Dan il-pajjiż għalhekk għandu jitniżżel fil-lista fil-parti I ta' l-Anness għad-Deċiżjoni 97/296/KE.
- (3) Fl-interessi taċ-ċarezza, il-listi kkonċernati għandhom jinbidlu kompletament.

(4) Id-Deċiżjoni 97/296/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif suppost.

(5) Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-istess jum bħad-Deċiżjoni K(2006)495 finali, li tistipula kundizzjonijiet speċifiċi għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd mill-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animalli,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 97/296/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-24 ta' April 2006.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-22 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 33. verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 195, tat-2.6.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 122, ta' l-14.5.1997, p. 21. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 2005/501/KE (ĠU L 183, ta' l-14.7.2005, p. 109).

⁽³⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE.

⁽⁴⁾ Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

"ANNEX

LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI LI MINNHOM L-IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI TAS-SAJD MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM, TKUN XI TKUN IL-FORMA TAGĦHOM, HIJA AWTORIZZATAI. *Pajjiżi u territorji koperti minn deċiżjoni speċifika skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE*

AE — EMIRATI GHARAB MAQGHUDA	LK — IS-SRI LANKA
AG — ANTIGWA u BARBUDA	MA — IL-MAROKK
AL — L-ALBANIJA	MG — IL-MADAGASKAR
AN — L-ANTILLES OLANDIŻI	MR — IL-MAWRITANJA
AR — L-ARĠENTINA	MU — IL-MAURITIUS
AU — L-AWSTRALJA	MV — IL-MALDIVES
BD — IL-BANGLADEXX	MX — IL-MESSIKU
BG — IL-BULGARIJA	MY — IL-MALAŽJA
BR — IL-BRAŻIL	MZ — IL-MOŽAMBIK
BS — IL-BAHAMAS	NA — IN-NAMIBJA
BZ — IL-BELIŽE	NC — NEW CALEDONIA
CA — IL-KANADA	NG — IN-NIĠERJA
CH — L-IŻVIZZERA	NI — IN-NIKARAGWA
CI — IL-KOSTA TA' L-AVORJU	NZ — NEW ZEALAND
CL — IĊ-ĊILI	OM — L-OMAN
CN — IĊ-ĊINA	PA — IL-PANAMA
CO — IL-KOLOMBJA	PE — IL-PERU
CR — COSTA RICA	PG — PAPUA NEW GUINEA
CS — IS-SERBJA u L-MONTENEGRO ⁽¹⁾	PH — IL-FILIPPINI
CU — KUBA	PF — IL-POLINEŻJA FRANĊIŻA
CV — KAP VERDE	PM — ST PIERRE U MIQUELON
DZ — L-ALĠERIJA	PK — IL-PAKISTAN
EC — L-EKWADOR	RO — IR-RUMANIJA
EG — L-EĠITTU	RU — IR-RUSSJA
FK — IL-GĠEJER FALKLAND	SA — L-ARABJA SAWDIJA
GA — IL-GABON	SC — IS-SEYCHELLES
GD — GRENADA	SG — SINGAPOR
GH — IL-GANA	SN — IS-SENEGAL
GL — GREENLAND	SR — IS-SURINAM
GM — IL-GAMBJA	SV — EL SALVADOR
GN — IL-GINEA CONAKRY	TH — IT-TAJLANDJA
GT — IL-GWATEMALA	TN — IT-TUNIŻIJA
GY — IL-GUJANA	TR — IT-TURKIJA
HK — HONG KONG	TW — IT-TAJWAN
HN — IL-HONDURAS	TZ — IT-TANŽANIJA
HR — IL-KROAZJA	UG — L-UGANDA
ID — L-INDONEŻJA	US — L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA
IN — L-INDJA	UY — L-URUGWAJ
IR — L-IRAN	VE — IL-VENEZWELA
JM — IL-ĠAMAJKA	VN — IL-VJETNAM
JP — IL-ĠAPPUN	YE — IL-JEMEN
KE — IL-KENJA	YT — MAYOTTE
KR — IL-KOREA TA' ISFEL	ZA — L-AFFRIKA TA' ISFEL
KZ — IL-KAŽAKSTAN	ZW — IŻ-ŻIMBABWE

(1) Ma tinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

II. Pajjiżi u territorji li jilhqg t-termini ta' l-Artiklu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE

AM — L-ARMENJA ⁽¹⁾	ER — L-ERITREA
AO — L-ANGOLA	FJ — IL-FIĠI
AZ — L-AŻERBAJĠAN ⁽²⁾	IL — L-IŻRAEL
BJ — IL-BENIN	MM — MYANMAR
BY — IL-BELARUS	SB — IL-GŻEJJER SOLOMON
CG — IR-REPUBBLIKA TAL-KONGO ⁽³⁾	SH — ST HELENA
CM — IL-KAMERUN	TG — IT-TOGO

⁽¹⁾ Awtorizzat biss għall-importazzjoni ta' gambli ta' l-ilma ħelu ħajjin (*Astacus leptodactylus*) maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem.

⁽²⁾ Awtorizzat biss għall-importazzjoni tal-kavjar.

⁽³⁾ Awtorizzata biss għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd maqbuda, iffriżati u ppakkjati fl-ippakkjar aħħari tagħhom fuq il-baħar.*